**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-19 T'OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 382/2022 RGM**

**Giuseppa Farrugia**

**vs.**

**Maria Concetta Camilleri**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tat-18 ta' Lulju 2022 ir-rikorrenti fissret li hija sid tal-ħanut Stil Boutique, Dun Guzepp Zammit Street, Żurrieq. Fissret li Carmelo Farrugia kien bena dan il-ħanut fuq art li akkwista permezz ta' att ta' diviżjoni tal-1 ta' Frar 1970 fl-atti tan-Nutar George Cassar. Carmelo Farrugia miet fl-1 ta' Ġunju 2015 u l-wirt ddevolva fuq r-rikorrenti Giuseppa Farrugia b'testment tat-12 t'April 2011 in atti Nutar Anthony Gatt. Ir-rikorrenti għamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* fis-17 t'Ottubru 2015 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt. Dan il-fond ilu mikri mit-22 ta' Diċembru 1976 lill-antekawża ta' Maria Concetta Camilleri u dan bis-saħħa ta' skrittura tal-31 t'Awwissu 1978. Bl-Att X tal-2009 il-kera saret €860.74ċ fis-sena. Ir-rikorrenti fissret li hija kienet u għadha obbligata li ġedded l-kirja bl-istess kera u kundizzjonijiet u dan minħabba dak li jipprovdi l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 69. Tfisser li l-kirja hija waħda baxxa meta mqabbla

mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu. Tippremetti li dan iwassal għal leżjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tagħha, għaldaqstant talbet lil din il-Qorti sabiex

I. "Tiddikjara u tiddeciedi illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u kif sanciti wkoll fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni vigenti tal-fond Stil Boutique, Dun Guzepp Zammit Street, Zurrieq, proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimata Maria Concetta Camilleri, u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u ligijiet ohra vigenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk huma nulli u / jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti ghar-rigward tal-proprjeta' *de quo*.

III. Konsegwentement taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skond il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, *inter alia* billi tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jgeddu l-kirja tal-fond Stil Boutique, Dun Guzepp Zammit Street, Zurrieq, lill-intimata Maria Concetta Camilleri u tiddikjara ghalhekk illi r-rikorrenti hija intitolata tirriprendi l-pussess shih tal-istess fond.

IV. Konsegwentement tordna l-izgumbrament fi zmien qasir u perentorju ta' Maria Concetta Camilleri mill-fond Stil Boutique, Dun Guzepp Zammit Street, Zurrieq, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jigu rrintegrati fil-pussess shih u godiment reali ta' hwejjighom.

V. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawza tal-fatti fuq spjegati fejn *inter alia* ma giex kkreat bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fost infrazzjonijiet ohra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

VI. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-ligi u ai termini wkoll tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

VII. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-ligi u ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-inkwilina intimata Camilleri ppreżentata fit-13 ta' Settembru 2022 fejn eċċepiet li t-talbiet huma nfondati u dan għaliex ir-rikorrenti kellha teżawrixxi kwalunkwe rimedju ordinarju ai termini tal-Artikolu 1531D tal-Kapitolu 16. Tgħid ukoll li hija dejjem ħallset il-kera skont il-Liġi u l-kera preżentement hija ta' €1,053.16 fis-sena. Teċċepixxi li r-rikorrenti qatt m'awmentat il-kera nonostante li kellha kull setgħa tagħmel hekk. Fir-rigward tat-talba tal-iżgumbrament, l-inkwilina Camilleri teċċepixxi li din il-Qorti m'hijiex il-forum kompetenti. Fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba, teċċepixxi li dan huma kollha ntempestivi stante illi ai termini tal-Artikolu 1531I tal-Kapitolu 16, l-intimata hija protetta sa Ġunju tal-2028 u allura għandha tibqa' tgawdi l-kirja sa tali data.

3. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2022 fejn eċċepixxa li r-rikorrenti jeħtiġilha jġib prova (a) tat-titolu fuq il-fond mertu tal-kawża u (b) li hija kirja soġġetta għal Kapitolu 69. Fil-mertu ġie eċċepiet li m'hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni stante li sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permissibbli taħt dan id-dritt fundamentali. Fir-rigward tal-Artikolu 37, ġie eċċepiet li ma jistax jiġi invokat fil-kuntest ta' allegat leżjoni abbażi tal-Kapitolu 69 in vista ta' dak dispost fl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni. Mingħajr preġudizzju, ikkontenda li jekk din il-Qorti ssib li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll dan il-ksur jista' jissusstixxi biss bejn it-30 t'April 1987 sal-31 ta' Mejju 2021 u ċioe mid-data massima stabbilita fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 sa l-aħħar data qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021 meta r-rikorrenti kellha rimedju ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 69.

4. Rat li l-Qorti nominat lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex tirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża mill-1987 sat-18 ta' Lulju 2022 u dan f'intervalli ta' ħames snin il-wieħed.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku ppreżentat fl-10 ta' Jannar 2023 u maħluf fit-13 ta' Jannar 2023.[1]

6. Rat l-atti tal-kawża.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fis-26 ta' Ġunju 2023[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ppreżentata fid-9 t'Awwissu 2023[3] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Maria Conectta Camilleri ppreżentata fis-17 t'Awwissu 2023[4].

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**

9. L-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-Avukat tal-Istat hija fis-sens li r-rikorrenti jeħtiġilha iġib l-aħjar prova tat-titolu tagħha fuq il-proprjetà in kwistjoni. Hija llum ġurisprudenza kostanti illi rikorrent fi proċeduri ta' din ix-xorta mhux meħtieġ li jġib prova ta' titolu assolut jew oriġinali u dan stante li din m'hijiex azzjoni ta' rivendika.[5]

10. Il-Qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ingħad li "ladarba r-rikorrenti hi sid il-fond u hi legalment entitolata tiġbor il-kera, l-esponent ma huwiex jinsisti aktar fuq din l-eċċezzjoni."[6]

---

[1] Fol 56 et seq tal-proċess.
[2] Fol 133 et seq tal-proċess
[3] Fol 140 et seq tal-proċess.
[4] Fol 146 et seq tal-proċess.
[5] Ara fost oħrajn **Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) 7 ta' Frar 2017.
[6] Fol 142 tal-proċess.

**It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**

11. L-Avukat tal-Istat fit-tieni eċċezzjoni tiegħu eċċepixxa li r-rikorrenti għandha ġġib prova li l-kirja hija verament imħarsa mill-Kapitolu 69.

12. Fin-nota issottometta li m'huwiex jinsisti fuq din l-eċċezzjoni stante li ġie muri li l-fond ġie konċess taħt titolu ta' kera fit-22 ta' Diċembru 1976 u baqgħet viġenti tul iż-żmien kollu rilevanti għall-mertu tal-kawża.

Ikkunsidrat

**Mertu**

13. Ir-rikorrenti tinsisti li minħabba dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 69 kif ukoll fil-Kaptiolu 16 hija ma tistax tawmenta l-kera għar-rata viġenti fis-suq liberu u lanqas jista' jkollha l-proprjetà bil-pussess liberu favur tagħha fi żmien raġonevoli u dan qiegħed iwassal għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha sanċit taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

14. L-artikoli tal-liġi rilevanti huma Artikoli 3 u 12 tal-Kapitolu 69 u Artikoli 1531D u 1531I tal-Kapitolu 16.

15. A tenur tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69**:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

16. Artikolu 12 tal-istess kapitolu imbagħad jipprovdi li

> "Jekk il-fond ikun ħanut, sid il-kera ma jistax jieħu lura l-pussess tiegħu fiż-żmien li din l-Ordinanza tkun isseħħ, ħlief fil-każ imsemmi fl-artikolu 9(a) jew jekk il-fond ikun tal-Gvern jew amministrat minnu jew ikun xort'oħra meħtieġ mill-Gvern għal skop ta' utilità pubblika"

17. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531D tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

> "(1) Il-kera ta' fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq wara l-1 ta' Jannar, 2010 jew ta' ftehim bil-miktub li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 dwar kirja li tkun għadha fil-perjodu oriġinali tagħha fl-1 ta' Jannar, 2010, għandu mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2010, jiġi miżjud b'rata fissa ta' ħmistax fil-mija fuq il-kera attwali u jibqa' jiġi miżjud mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar ta' kull sena bi ħmistax fil-mija fuq l-aħħar kera bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Diċembru, 2013.
>
> (2) Il-kera mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, għandu jiġi stabbilit bi qbil bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' qbil, għandu jittieħed bħala gwida għall-kera l-Indiċi tal-Valur Kummerċjali tal-Proprjetà kif jista jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni u fin-nuqqas ta' regolamenti, il-kera għandu mill-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, jogħla b'ħamsa fil-mija fis-sena sad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija regolamenti.
>
> (3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, jekk kien hemm ftehim għal żjidiet perjodiċi bejn il-partijiet, dan il-ftehim għandu jibqa' japplika mingħajr iż-żjidiet kontemplati f'dan il-artikolu:
>
> Iżda, barra mill-każijiet fejn iż-żjieda fil-kera jkun sar bi qbil, fejn tiġi applikata ż-żjieda kif proposta hawn qabel għal fondi kummerċjali, l-inkwilin jista' permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil sid il-kera jew lil wieħed minn sidien il-kera, jittermina l-kirja billi jagħti pre-avviż ta' tliet xhur u dan ukoll jekk il-kirja tkun għal żmien definit."

18. Artikolu ieħor ta' relevanza f'dan l-aspett huwa l-**Artikolu 1531I** li jipprovdi

> "Fil-każ ta' fond kummerċjali mikri qabel l-1 ta' Ġunju,1995, bħala inkwilin għandha tiġi meqjusa dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjuġi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment kif ukoll wara l-mewt tal-imsemmi inkwilin, l-eredi tiegħu li jkunu jiġu minnu mid-demm jew biż-żwieġ sal-grad ta' kuġini inklussivament:
>
> Iżda l-kera ta' fond kummerċjali li jkun beda qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandu f'kull każ jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew jgħaddu mill-1 ta'

> Ġunju, 2008 sakemm ma jkunx sar kuntratt ta' kiri li jistipula żmien determinat."

Ikkunsidrat;

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

19. Ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti issib fost oħrajn leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

20. L-Avukat tal-Istat laqa' għat-talbiet attriċi msejsa fuq l-Artikolu 37 billi eċċepixxa illi l-imsemmi artikolu mhux applikabbli għall-fattispeci tal-każ odjern in kwantu l-Kapitolu 69 hija liġi promulgata qabel l-1962 u allura hija mħarsa bl-**Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.**

21. Din l-eċċezzjoni hi fondata għaliex Kap. 69 huwa mħarres bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.

22. L-**Artikolu 47 (9)** tal-Kostituzzjoni jipprovdi s-segwenti:

> "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –
> (a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;
> (b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;
> (ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew
> (d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."

23. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Anthony Muscat pro et noe vs. Elizabeth Farrugia et** (Rik Kost 14/2000) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ikkunsidrat li għalkemm id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi

Ċivili u tal-Kapitolu 69 kienu mdaħħla, emendati jew sostitwiti b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, dawn il-liġijiet ma għandhomx l-effetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk il-każ tal-lum ma jintlaqatx bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

24. Il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza ikkwotat minn sentenza oħra tagħha, **Charles Bonello vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** tat-23 ta' Novembru 2020, fejn kienet osservat li:

> "i. L-Art. 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà` li kull xorta li tkun" ma jista' jittieħed jekk mhux inter alia bi ħlas ta' kumpens xieraq. Id-dritt ta' sid li jkollu l-pussess materjali u mhux biss pussess legali huwa interess fuq proprjetà`. B'hekk hu imħares taħt l-art. 37 minkejja li s-sid ma ġiex imċaħħad minn kull interess fil-proprjetà`.
> ii. "Il-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 li pero` ma għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 47(9).
> iii. "L-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li, "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu).....". It-tiġdid tal-kirja seħħ bis-saħħa ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel l-1962, ċioe` L-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini li daħlet fis-seħħ bl-Ordinanza XXI tal-1931. Għalhekk hu mħares mill-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant mhuwiex milqut minn Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.
> iv. "Għalkemm hu minnu li l-Kap. 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, pero` ma kellhomx l-effetti li jissemmew fil-paragrafi (a) sa (d) tal-art. 47(9) tal-Kostituzzjoni".[7]

25. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 huma mħarrsa bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi invokat mill-attriċi.

---

[7] Ara wkoll **Galea et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Ġunju 2020; **Alexander Caruana et vs. Doris Zarb et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 t'April 2021; **Louis Apap Bologna et vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 t'Ottubru 2021.

26. **Għalhekk it-talbiet attriċi in kwantu msejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni qed jiġu miċħuda.**

Ikkunsidrat;

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

27. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

28. Ir-rikorrenti issostni illi Kapitolu 69 u l-Kapitolu 16 iċaħħduha mid-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra l-intimat Avukat tal-Istat, jeċċepixxi li l-Istat għandu kull dritt li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u jgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri soċjali meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

29. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex l-ewwel teżamina l-elementi tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mbagħad tgħaddi sabiex tevalwa l-artikoli tal-liġi impunjati fl-isfond tad-dritt fundamentali invokat mir-rikorrenti.

30. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, il-kontroll fuq il-kera u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, u għalhekk il-każ għandu jiġi kkunsidrat taħt it-tieni paragrafu tal- Artikolu 1 tal-istess Protokoll.

31. Meta l-Istat jgħaddi liġijiet li jċaħdu lis-sid mit-tgawdija paċifika ta’ ħwejġu, mhux biżżejjed illi jkun qed jaġixxi fil-parametri tal-liġi u bi skop li tgawdi s-soċjetà in ġenerali. Ikun jonqos u meħtieġ li sabiex jiġi evitat ksur tal-Konvenzjoni, min ikun ġie drastikament imċaħħad kontra r-rieda tiegħu mit-tgawdija ħielsa ta’ ħwejġu jingħata kumpens adegwat, kumpens intiż sabiex jagħmel ġustizzja mal-vittma tal-leżjoni tad-dritt fundamentali u li jinnewtralizza sakemm possibbli id-dannu konsegwenzjali soffert.

32. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta’ kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta’ dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta’ taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

33. Ir-rikorrenti m’hijiex timpunja l-artikoli tal-liġijiet applikabbli bħala li ma humiex fl-interess pubbliku jew li l-effetti li qiegħda tilmenta minnhom m’humiex ir-riżultat ta’ operazzjonijiet f’qafas legali. L-ilment tagħha huwa fis-sens illi l-operazzjonijiet ta’ dawn il-liġijiet fil-konfront tagħha ħolqu sproporzjon tant qawwi fil-ħlas tal-kera perċepibbli skond il-liġi meta mqabbel mal-kera potenzjali fis-suq, illi l-konsegwenza ta’ dan hi li l-liġijiet impunjati ma żammewx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

34. Kif rajna bl-operazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 69 u tal-Artikoli 1531D u 1531I tal-Kapitolu 16 ir-rikorrenti għandha idejha marbuta dwar il-possedimenti tagħha. Il-kuntratt ta’ kera fiż-żmien rilevanti kien qiegħed jiġġedded awtomatikament kull sena kontra r-rieda tagħha.

35. Għalhekk kollox iħoll u jorbot jekk fil-każ odjern, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet li t-tħaddim tagħhom qiegħed jiġi hawn impunjat inżammx il-bilanċ meħtieġ skond l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bejn l-interess ġenerali u d-dritt konvenzjonali tas-sid.

36. Il-massimu tal-kera pagabbli fuq il-ħanut skond il-liġi fis-sena 2021 kien ta’ €1,098.54 mentri skond il-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea il-valur lokatizzju tiegħu fis-suq ħieles kien ta’ €7,084.

37. Il-Qorti tqis illi l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kodici Ċivili ma humiex ta' konfort għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti billi dawn l-emendi m'humiex biżżejjed sabiex jilħqu l-bilanċ bejn l-interessi tas-sid u l-interess pubbliku ladarba l-awment qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq ħieles, u dan minħabba r-restrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 1531D tal-Kapitolu 16. Awment ta' 15% u sussegwentement b'5%, meta tqis il-kera attwali li fuqha qed jinħadmu dawn il-persentaġġi, m'huwiex biżżejjed sabiex toħloq il-bilanċ meħtieġ bejn l-interess tas-sid u dak ta' l-Istat meta tikkunsidra l-istima tal-Perit Tekniku.

38. Huwa mill-aktar evidenti illi peress li si tratta ta' kirja antika, l-awment li qed isir bis-saħħa tal-liġijiet impunjati huwa nsinifikanti u mhux qed iservi biex joħloq bilanċ bejn id-drittijet tas-sidien u dawk tal-interess pubbliku.

39. Għalkemm huwa minnu li Artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-possibilità lir-rikorrenti tirriprendi l-immobbli de quo fis-sena 2028, it-trattament bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ser jipperdura sakemm tasal is-sena 2028 (apparti ż-żmien li diġà għadda). Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta għal piż eċċessiv u sproporzjonat fuq is-sid. Apparti li r-rikorrenti m'għandha l-ebda ċertezza li l-kirja ser tintemm fis-sena 2028 mingħajr indħil ulterjuri mill-Istat.

40. Ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Novembru, 2019, fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata vs. Avukat Ġenerali et** li:

> "Argument ieħor miġjub mill-intimat l-Avukat Ġenerali favur l-allegat bilanċ ġust li ntlaħaq mill-Istat hu li l-kera ma kinitx ser tibqa' tiġġedded għal dejjem u kienet ser tintemm fis-sena 2028 bir-ripreża tal-fond mir-rikorrenti. Is-soċjetà intimata wkoll issostni dan l-argument favur is-sottomissjoni tagħha li fil-każ odjern inżamm bilanċ ġust. L-ewwel Qorti filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea flismijiet **Żammit and Attard Cassar v. Malta**, iddikjarat li r-rikorrenti kien għad baqgħalha 9 snin oħra qabel ma tieħu f'idha l-pussess tal-fond u matul dan il-perjodu kien ser ikollha tirċievi l-kera tenwa preżenti u tkompli ġġorr piż eċċessiv u sproporzjonat. Hawn ukoll din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti u ma' dan izzid tgħid li (a) diġà r-rikorrenti ilha tnax-il sena b'idejha marbutin b'mod li ma tistax titlob dik il-kera mingħand l-inkwilin li jidhrilha xierqa; u (b) irrikorrenti m'għandha l-ebda ċertezza wara kollox li l-kirja ser tintemm fis-sena 2028 mingħajr indħil ulterjuri mill-Istat."

41. Aktar reċenti il-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta’ Mejju, 2022, fl-ismijiet **Emanuela Camenzuli pro et nomine et v. Avukat Ġenerali et** irreaffernat li

> “Fl-ewwel lok l-emendi ntrodotti fl-2009 li pprovdew li mill-1 ta’ Jannar, 2014, il-kera tiżdied b’5% għal kull sena, mhijiex biżżejjed sabiex toħloq bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-interess tas-sidien. Dan iktar u iktar meta f’kirjiet kummerċjali m’hemmx l-element soċjali li hemm f’kirjiet ta’ residenzi. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-protezzjoni lill-inkwilin hi garantita mil-liġi sas-sena 2028 (Artikolu 1531I tal-Kodiċi Ċivili). Dak il- fatt ma jiġġustifikax u lanqas jirrimedja l-fatt li għal 20 sena sħaħ mill-1 ta’ Ġunju, 2008, is-sidien jibqgħu jirċievu kera mhux adegwata.”

42. **Il-Qorti għalhekk issib illi l-lokazzjoni tal-ħanut lill-intimata Camilleri hija forzata fuq ir-rikorrenti bis-saħħa tal-Kapitolu 69 u tal-artikoli tal-liġi applikabbli introdotti għal Kapitolu 16 bis-saħħa tal-Att X tal-2009 jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.

Ikkunsidrat

**Rimedju: Kumpens**

43. Stabbilit illi bl-operazzjonijiet tal-liġijiet impunjati seħħet leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti, u miċħuda l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati imiss issa li l-Qorti tikkonsidra r-rimedji mitluba.

44. Ir-rikorrenti qiegħda titlob sew danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji. Tenut kont tal-prinċipji ġurisprudenzjali applikabbli l-Qorti qed tieħu diversi fatturi in kunsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens, ewlenin fosthom:

    i. Il-fattur taż-żmien meta bdiet tonqos il-proporzjonalità;
    ii. Id-diskrepanza sostanzjali li hemm bejn il-kera li r-rikorrenti u l-ante kawża tagħha irċevew mingħand l-inkwilina kawża tal-limitazzjonijiet imposti bl-Artikolu 1531D tal-Kapitolu 16 u bil-Kapitolu 69 u l-kera li l-fond għandu potenzjal jattira fis-suq ħieles illum il-ġurnata;
    iii. Skont l-Artikolu 1531I, dejjem jekk ma jkunx hemm emendi għal-liġijiet applikabbli fil-frattemp, ser tkun tista’ tieħu lura l-pusses tal-ħanut de quo mhux qabel is-sena 2028;

iv. It-trapass taż-żmien li matulu r-rikorrenti kienet u għada kostretta tissubixxi l-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha;

v. L-inerzja da parti tal-Istat, li matul is-snin baqa' passiv għall-ħtiega ta' ntervent leġislattiv effettiv sabiex joħloq bilanċ proporzjonat bejn il-piżijiet u d-drittijiet tas-sidien u u dawk tal-inkwilini;

vi. Il-fatt li nonostante li l-Kamra tar-Rappreżentanti promulgat liġi li tikkontempla Indiċi tal-Kirjiet Kummerċjali li potenzjalment seta' joffri l-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi ta' sid il-kera u l-interess pubbliku, sal-lum l-Eżekuttiv għadu ma promulgax dan l-indiċi.

vii. Il-fatt li hawn si tratta ta' kirja kummerċjali u mhux każ ta' akkomodazzjoni soċjali.

viii. Inċertezza intrinsika illi wieħed jirnexxielu jsib inkwilin prospettiv li jħallas kera ekwivalenti għall-valur lokatizju

45. Għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji għalkemm ir-rikorrenti wirtet il-fond fl-2015, il-Qorti ser tieħu kont taż-żmien li matulu l-ħanut kien proprjetà tal-ante kawża tagħha u dan in linea ma' dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Erika Gollcher et vs. Avukat tal-Istat et** mogħtija fis-26 ta' Jannar 2022.[8]

46. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti qed tikkonsidra illi r-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement illi għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni l-perjodu minn Ġunju 1987, is-sena li fiha daħal fis-seħħ Kapitolu 319.

47. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-Qorti hija gwidata mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel Apap Bologna Sceberras d'Amico Inguanez vs. Avukat Ġenerali et** mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2021, f'kawża b'fattispeċi simili għal dik odjerna:

> "21. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021), fejn ġie spejgat hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens u t-tnaqqis li għandu jsir f'kawżi fejn l-interferenza fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tkun ġustifikata minn raġunijiet ta' interess pubbliku [...].

---

[8] Ara wkoll **Carmel Sammut vs. Maria Stella Dimech et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti tagħraf illi f'dan il-każ il-miżura in kwistjoni ma kinitx intiża għall-protezzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali u s-salvagwardja ta' nies vulnerabbli minn *homelessness*. Il-Qorti tagħraf ukoll illi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-interess ġenerali li kien jiġġustifika l-protezzjoni tal-kirjiet kummerċjali naqas maż-żmien. Għaldaqstant, in vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi r-rata ta' tnaqqis minħabba l-għan leġittimu tal-liġi f'dan il-każ għandha tkun ta' ċirka 20% u mhux 30% kif stabbilit fis-sentenza appena ċitata.

Fir-rigward tat-tnaqqis minħabba l-inċertezza li l-attur kien jirnexxilu jżomm l-fond mikri matul iż-żmien relevanti kollu għall-ammonti ndikati mill-Perit Legali, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża r-rata ta' tnaqqis għandha tkun ta' ċirka 35% u mhux 20%. Dan għaliex l-ewwel nett hemm inċertezza dwar jekk il-proprjeta` kollha verament setgħatx tintuża għal skopijiet kummerċjali peress illi minkejja illi l-kirja hija waħda u għal skopijiet kummerċjali, l-inkwilini ma jużawx tlieta mill-fondi nklużi fil-kirja. Inoltre, il-Qorti tosserva illi l-Perit Tekniku bbaża l-istima tiegħu partikolarment fuq il-fatt illi dawn il-fondi jistgħu jingħaqdu f'wieħed u jsir boutique hotel. Pero`, ikkonsidrat illi l-inċertezza f'dan is-settur hija ferm akbar milli dik eżistenti fis-settur tal-akkomodazzjoni għal skopijiet residenzjali, tqis li tnaqqis kif konsidrat minn din il-Qorti hu raġonevoli."

48. Dan meqjus il-Qorti ser tapplika l-valuri mogħtija mill-Perit Tekniku sabiex tiddetermina u tillikwida l-kumpens pekunjarju xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-kriterji fuq delineati. Il-Qorti ħadet kont ukoll tal-kera pagabbli skont il-liġi:

| Sena | Stima tal-Perit annwali (€) | Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€) |
|---|---|---|
| 1987 | 2,118 | 427.99 |
| 1988 | 3,631 | 425.12 |
| 1989 | 3,631 | 425.12 |
| 1990 | 3,631 | 425.12 |
| 1991 | 3,631 | 425.12 |
| 1992 | 3,968 | 425.12 |
| 1993 | 3,968 | 425.12 |
| 1994 | 3,968 | 425.12 |
| 1995 | 3,968 | 425.12 |
| 1996 | 3,968 | 425.12 |

| | | |
|---|---|---|
| 1997 | 4,728 | 425.12 |
| 1998 | 4,728 | 425.12 |
| 1999 | 4,728 | 425.12 |
| 2000 | 4,728 | 425.12 |
| 2001 | 4,728 | 425.12 |
| 2002 | 5,323 | 425.12 |
| 2003 | 5,323 | 425.12 |
| 2004 | 5,323 | 425.12 |
| 2005 | 5,323 | 425.12 |
| 2006 | 5,323 | 425.12 |
| 2007 | 5,941 | 425.12 |
| 2008 | 5,941 | 425.12 |
| 2009 | 5,941 | 425.12 |
| 2010 | 5,941 | 488.89 |
| 2011 | 5,941 | 562.22 |
| 2012 | 6,754 | 646.55 |
| 2013 | 6,754 | 743.54 |
| 2014 | 6,754 | 780.71 |
| 2015 | 6,754 | 819.75 |
| 2016 | 6,754 | 860.74 |
| 2017 | 7,084 | 903.77 |
| 2018 | 7,084 | 948.96 |
| 2019 | 7,084 | 996.41 |
| 2020 | 7,084 | 1046.23 |
| 2021 | 7,084 | 1098.54 |
| 2022 | 4,340 | 672.86 |
| **Total** | **189,972** | **20,349.80** |

49. In linea mal-ġurisprudenza fuq ċitata is-somma ta' €189,972 għandha l-ewwel tonqos bi 20%, u għalhekk is-somma tinżel għal €151,977.60. Minn din is-somma jrid jonqos 35% oħra u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €98,785.44 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera kellha titħallas mill-intimata Camilleri skont il-liġi għall-istess perijodu.

50. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €78,435.64 li qed jiġu arrotondati għal tmienja u sebgħin elf u ħames mitt ewro (€78,500).**

51. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[9] F'dan il-każ ir-rikorrenti wirtet il-ħanut f'Ġunju 2015. **Il-Qorti għalhekk qiegħda tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma** ta' fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

**Rimedju Ulterjuri**

52. Tenut kont illi l-Qorti qed issib leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti li skond il-liġijiet viġenti ser tkompli ta' lanqas sas-sena 2028 il-Qorti tqis illi ma tistax permezz tas-sentenza tagħha tħalli li tali leżjoni tibqa' tipperdura fil-futur.

53. Għalhekk b'żieda mal-kundanna ta' ħlas ta' danni pekunjarji u non-pekunjari, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li għandu jingħata rimedju ulterjuri fis-sens illi l-intimata Camilleri qua inkwilina ma tistax tibqa' tistrieħ fuq il-protezzjoni sa issa lilha mogħtija mill-Kapitolu 16 u mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Żgumbrament**

54. Għal dak li jirrigwarda r-rimedju mitlub mir-rikorrenti, fit-tielet u fir-raba' talbiet tagħha, il-Qorti tagħraf li saret talba speċifika biex hija tikkunsidra l-iżgumbrament tal-intimata mill-post bħala parti mir-rimedju mitlub.

55. Tenut kont il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward il-Qorti tqis li ma għandix tilqa' din it-talba. Kif ingħad fis-sentenza **Josephine Azzopardi pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017:

> "ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ. Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-każ li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-liġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni tagħha

[9] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti (ara sentenza **Curmi vs Avukat Ġenerali**, Kost 24/06/2016);

Din l-Qorti għalhekk mhux ser tipprovvdi fuq dan ir-rimedju mitlub u din il-parti tat-talba tar-rikorrenti għalhekk mhix ser tintlaqa'".

**Spejjeż tal-kawża**

56. L-Avukat tal-Istat huwa l-parti sokkombenti f'din il-kawża li trattat u sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

57. Fiċ-ċirkostanzi l-intimata Camilleri m'għandha tbagħti l-ebda spejjeż tal-kawża li wkoll għandu jagħmel tajjeb għalihom l-intimat Avukat tal-Istat (**Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2021).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' in parte** l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, tiddikjara illi bl-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija Kapitolu 69 b'mod partikolari Artikolu 3 tal-istess u bl-operazzjonijiet tal-Kapitolu 16 b'mod partikolari Artikoli 1531D u Artikolu 1531I tal-istess li taw dritt ta' rilokazzjoni b'kera baxx lill-intimata Maria Concetta Camilleri tal-ħanut mertu tal-kawża fejn ma nżammx bilanċ bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tar-rikorrenti, ġie vvjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk ma humiex applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjeta' de quo; filwaqt li **tiċħadha** safejn imsejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

2. **Tilqa' in parte** t-tielet talba, u **tiċħad** ir-raba' talba, tiddikjara illi r-rikorrenti għandha dritt għar-rimedji aktar 'l isfel hawn mogħtija in vista tal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha kif hawn fuq deċiż iżda tiċħadha in kwantu talbet l-iżgumbrament tal-intimata Camilleri.

3. **Tilqa'** l-ħames talba, tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha.

4. **Tilqa'** s-sitt talba, tillikwida d-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tmienja u sebgħin elf u ħames mitt ewro (€78,500) filwaqt li tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

5. **Tilqa'** s-s-seba' talba, tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' tnejn u tmenin elf ewro (€82,000) rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji hawn likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

6. **Tordna u tiddikjara** illi l-intimata Camilleri ma tistax tibqa' tistrieħ qua inkwilina fuq l-artikoli tal-liġi tal-Kapitolu 16 b'mod partikolari Artikoli 1531D u 1531I u tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod partikolari Artikolu 3, sabiex tibqa' żżomm pussess tal-ħanut mertu tal-kawża odjerna.

**Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
19 ta' Ottubru 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**